# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 368/2018 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**ER**

**Vs**

**LF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' ER, datat 21 ta' Awwissu, 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fil-11 t'Ottubru, 1981, mil-liema zwieg ma twieldux tfal.*

2. *Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-4 ta' Settembru, 2001, fl-atti tan-Nutar Dr.Margaret Heywood. [**Dok.A**]*

3. *Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

4. *Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment.*

5. *Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn zewgha l-intimat.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-11 t'Ottubru, 1981.*
2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' LF, datata 22 ta' Ottubru 2018, a fol 8, li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood nhar l-4 ta' Settembru 2001;*

2. *Illi l-esponenti taqbel li l-ebda manteniment m'ghadu dovut bejn il-kontendenti;*

3. *Illi ghaldaqstant, l-esponenti ma topponix ghat-talba ghall-ottjeniment tad-divorzju, ghalkemm topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dal-istadju, filwaqt li titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent.*

Rat li l-att promotur, id-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ER** xehed permezz t'affidavit a fol 6 illi l-partijiet izzewgu fil-11 t'Ottubru 1981 u kien ottjenew separazzjoni legali fl-4 ta' Settmebru 2001 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa minn mindu sseparaw legalment u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**LF** xehdet a fol 14 *et seqq.* u pprezentat affidavit taghha a fol 16 u kkonfermat ix-xhieda moghtija minn ER.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***mizzewgin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti rat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Settembru 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament sa minn dak inhar (Vide Dok A a fol 3 et seqq).

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez huma a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**